MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2302/2004

**GasanMamo Insurance Limited –C-3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha l-Avukat David Harding**

**vs**

**Joseph Garzia (ID65367M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab li l-konvenut ihallas is-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00) rapprezentanti danni li sofra l-attur nomine meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru CAA-563 fis-26 ta' Mejju, 2004, gewwa l-Pieta` habat mal-vettura numru CAR-542 proprjeta` tal-assikurat ta' l-attur l-Avukat David Harding u misjuqa minnhu u ikkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Ottubru, 2004 kontra l-konvenut u tal-ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 2004 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tax-xufier assikurat mas-socjeta` attrici, David Harding, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr David Harding, W265 Mark Aquilina, Joseph Garzia, Patrick Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tas-17 ta' Marzu, 2005, li fih l-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kolizzjoni illi sehhet fis-26 ta' Mejju, 2004, fil-Pieta quddiem il-Klubb tal-Bocci. Il-vetturi involuti fil-kolizzjoni kienet dik bin-numru CAR-542 misjuqa mill-attur l-Avukat David Harding u l-vettura CAA-563 misjuqa mill-konvenut Joseph Garzia.**
**2. Skond l-attur hu kien ghaddej lejn is-Sa Masion Hotel, meta f'daqqa hass daqqa minn wara u l-karozza tieghu daret kompletament. L-attur jispjega li hu kien gej mid-direzzjoni fejn jittrakka l-vapur biex jaqbad il-kurva biex imur fid-direzzjoni tal-Imsida, u meta qala d-daqqa kien diga fil-kurva. L-attur jispjega wkoll illi**

**qabel ma telaq minn fuq lis-Stop Sign illi hemm qabel il-Klubb tal-Bocci ma kienx hemm vetturi gejjin. L-attur kien mixi lejn ic-centru u qasam ghal kariggata ta' barra, biex jiehu l-kariggata li tghati ghal Imsida. Peress illi hemm hekk hemm zewg kareggati li jghatu fid-direzzjoni tal-Imsida, hu ha l-kareggata tax-xellug.**
**3. Il-konvenut Joseph Garzia kien nizel minn hdejn id-Depot tal-Pulizija lejn Sa Masion u hareg fuq ix-xellug u ried ikompli sejjer dritt lejn id-direzzjoni tal-Marsa. Skond il-konvenut meta hareg minn fuq lis-Stop Sign ma kienx hemm karozzi u kif qabez ir-roundabout minn naha ta' gewwa qalghu l-attur minn naha tax-xellug.**
**4. Patrick Grima passiggier mal-konvenut jghid li kienu waslu fil-parti fejn hemm it-traffic lights fejn sar l-incident, pero' ma jafx minn fejn gie l-attur.**
**5. It-Tribunal, ra l-iskizz esebit mal-Wardens Report u ra wkoll ir-ritratti Dok JG1 sa Dok JG3, minn dawn ir-ritratti jirrizulta evidenti illi l-vettura tal-attur kienet sewwa fid-dawra meta giet milquta mill-karozza tal-konvenut illi fid-Dok JG2 tidher hdejn it-traffic lights. Ghalhekk ma hemmx dubju illi l-konvenut baqa ghaddej minghajr ma ta' kaz tal-vettura tal-attur li kienet pratikament kollha fid-dawra kif suppost. Id-danni fil-vettura tal-attur kienu fuq il-bumper ta' wara u l-parti tal-genb ta' wara n-naha tax-xellug, filwaqt illi l-konvenut kellu l-hsarat fuq il-bumper ta' quddiem u fuq il-genb ta' quddiem in-naha tax-xellug. L-impatt kien tant qawwi illi bid-daqqa l-karozza tal-attur daret kompletament. Dan huwa indikazzjoni cara illi l-konvenut kien ghaddej b'certa velocita meta sehh l-incident.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghal l-incident li sehh u jikkundanah ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00), bl-imghax legali mis-7 ta' Ottubru, 2004.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Ottubru, 2004 kontra l-konvenut u tal-ittra ufficjali ohra prezentata**

**kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------